**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 t'April 2025**

Rikors Numru: 614/2024 AL

A B

U

C D B

(M.R. Numru 1656/2015)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-partijiet li permezz tiegħu jesponu:

Illi l-partijiet iżżewġu nhar sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".

Illi l-partijiet ilhom separati sa mis-sebgha u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness fl-atti tan-nutar Josef Christian Masini Vento; izda kienu ilhom de facto separati sa minn Jannar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024);

Illi minn dan iz-zwieg twieldet E B fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) li ghadha minorenni;

Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin;

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond **l-Artikolu 66B** tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant r-rikorrenti umilent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015)

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill- istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Jannar, 2025;

Rat l-affidavits bix-xiehda taż-żewġ rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Novembru 2024 u de facto separati sa minn Jannar 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.